MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 307/2008

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**D.I. Limited (C-20906)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u hamsin Ewro u hdax-il centezmu (€4,457.11) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99001503;**

**Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' qbid gia pprezentat u bl-imghax meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data**

**tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**
**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u hamsin Ewro u hdax-il centezmu (€4,457.11) lis-socjeta` rikorrenti Vodafone Malta Limited;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra s-socjeta` intimata D.I. Limited.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------